MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 21

22 ta' Diċembru 2020

Minuti tas-seduta Nru. 21 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-uffiċċju amministrativ tal-Kunsill f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 22 ta' Diċembru 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Is-Sur K. Buttigieg aċċenna għall-minuta 2.1.8. **(Ref: P/5/8/G)** tas-seduta preċedenti u talab li din tiġi emendata kif ġej:

*"2.1.8. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li għandu jkun hemm kontroll fuq l-użu tal-parkeġġ għaliex jista' jiġi okkupat b'mod permanenti, u hekk ma jintlaħaqx l-iskop li għalih sar. Huwa qal li l-manutenzjoni tal-parkeġġ tista' issir minn kuntrattur li jkollu dritt jitlob ħlas stabbilit u jħallas somma fissa fis-sena lill-Kunsill li tmur biex tiffinanzja proġett jew inizjattiva li tibbenefika minnha l-komunità lokali.".*

1.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.18.4. **(Ref: T/3/2/Vol XVI)** tas-seduta preċedenti u talbet li din tinqara kif ġej:

*"5.18.4. Il-Kunsill qabel li għandha tinġieb stima fil-każ ta' Triq l-Armier, Triq Ramlet il-Qortin, Triq il-Mellieħa, u Triq il-Wilġa.".*

1.4. Il-minuti tas-Seduta Nru. 20, li saret fit-13 ta' Novembru 2020 ġew approvati bl-emendi, skont il-minuti 1.2. u 1.3. aktar 'il fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/MinutesList

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji (K/1/8/Vol III)

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għall-attendenza tas-seduta preċedenti u għarraf li permezz ta' Direttiva Nru. 7/2020 tal-15 ta' Diċembru 2020 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sar possibbli li f'ċirkostanzi eċċezzjonali jsiru seduti tal-Kunsill virtwali. Permezz tal-istess direttiva, seduti li saru b'dan il-mod, sa mill-bidu tal-pandemija Covid-19, mhumiex ser jitqiesu li saru bi ksur tal-liġi. Din id-direttiva nħarġet wara li daħlu fis-seħħ emendi fl-Att Dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Rapport mill-*Contracts Manager* għax-xaħar ta' Ottubru 2020 (T/4/15/Vol II)

2.2.2. F'din il-parti tas-seduta kien hemm sospensjoni sabiex jintervjeni l-*Contracts Manager* is-Sur Ryan Mercieca, bil-għan li jagħti ħarsa lejn l-andament ta' xi kuntratti li huwa jissorvelja.

2.2.3. Is-Sur Ryan Mercieca qal li attwalment għaddej tindif ta' toroq rurali fi Triq il-Mellieħa u fl-inħawi tal-Prajjet u s'intendi sar xogħol ta' rutina bħalma huma t-tbattil ta' bins f'Selmun, Għajn Tuffieħa u l-postijiet tal-ikkampjar ġewwa l-Aħrax. Kif ser jitlesta dan, ix-xogħol ser ikun iffukat fuq iż-żona ta' Aħrax fejn ġie osservat ħafna ħaxix fil-ġnub tat-toroq.

2.2.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li fi Triq il-Mellieħa jeħtieġ jinqata pal tal-bajtar li ħareġ fit-triq, b'tali mod li qed jokkupa l-karreġġjata.

2.2.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrimarka li dak huwa obbliġu ta' sid l-għalqa, u għalhekk għandu jsir kuntatt miegħu sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni li qed tinqala' minn żmien għal żmien.

2.2.6. Is-Sur Mercieca, qal li qed isir sorveljanza fuq il-kuntratt dwar il-ġbir tal-iskart domestiku f'dik li hija separazzjoni, partikularment fil-jum tat-Tnejn. Huwa għarraf ukoll li kien hemm rapport sostanzjat b'filmat u abbażi tiegħu nħarġet *default notice* għar-raġuni msemmija.

2.2.7. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal qed jinnota li meta l-kuntrattur responsabbli mit-tindif tat-toroq urbani qed jintalab jneħħi siġar li jikbru fit-toroq, bħalma kien il-każ riċentement fi Triq il-Qasab u Triq Għajn Żejtuna, mhux qed isir knis ta' toroq li jkunu skedat f'dik il-ġurnata. Huwa qal li ż-żbir tas-siġar għandu jsir fl-istess jum li jkun imissha tinkines iż-żona.

2.2.8. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna għall-fatt li f'okkażjonijiet bħal dawn il-kuntrattur jiġi mgħejjun mill-ħaddiema tal-*Community Works Scheme* sabiex l-iskeda tal-knis tiġi affettwata mill-inqas. Minkejja li dan ix-xogħol mhux obbliġat li jsir skont il-kuntratt, il-kuntrattur mhux qed jitlob ħlas apparti.

2.2.9. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li jkun hemm ħlas addizzjonali sabiex ma jinqabżux toroq.

2.2.10. Dwar il-kuntratt tal-ġonna, is-Sur J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li huwa evidenti illi l-kuntrattur mhux jiddedika ħin biżżejjed biex ikopri x-xogħol kollu kopert bil-kuntratt skont kif stipulat fil-kuntratt.

2.2.11. Il-*Contracts Manager* ħa nota tal-punt imqajjem fil-minuti peċedenti.

### 2.3.1. Introduzzjoni ta' *cat's eyes* fit-toroq (T/3/2/Vol XVI)

2.3.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.18.1. tas-seduta ta' qabel u ġibdet l-attenzjoni li bħala toroq li għandhom jiġu kkunsidrati għall-introduzzjoni tal-*cats eyes* hija kienet ipproponiet ukoll Triq il-Mellieħa u Triq il-Wilġa, għal-liema toroq kellha wkoll tintalab stima dwar l-ispiża nvoluta.

2.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv, aċċenna li Infrastructure Malta kienet ressqet applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar Triq il-Mellieħa. Huwa kkummenta li l-ispejjeż tal-*cats eyes* mhumiex baxxi, filwaqt li dawn ikunu affettwat ħafna b'xogħlijiet li jsiru fit-toroq bħalma huma t-tħaffir ta' trinek.

2.3.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet jekk il-Kunsill jafx meta huwa pprogrammat ix-xogħol fi Triq il-Mellieħa.

2.3.5. Il-Kunsillier I. Castillo qal l-ispejjeż involuti jridu jittieħdu in konsiderazzjoni mar-riskju li jsiru xogħlijiet fit-toroq indikati.

2.3.6. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-iskop tal-*cats eyes* jista' jintlaħaq xorta waħda b'inqas spejjeż permezz ta' sinjali tal-karreġġjata bil-*glass beads* imħallta maż-żebgħa. Altrimenti l-*cats eyes* jistgħu jsiru fl-aktar partijiet sensittivi.

2.3.7. Il-Kunsill ikkonferma d-deċiżjoni meħuda fis-seduta preċedenti, fis-sens li għandha tinkiseb stima fir-rigward tat-toroq imsemmija kollha, kif ukoll li Infrastructure Malta għandhom jiġu mistoqsija dwar jekk għandhomx pjanijiet li jsiru xogħlijiet fi Triq il-Mellieħa.

## 2.4.1. Laqgħa mal-grupp *"For a Better Environment"* (T/6/1/Vol III)

2.4.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet għall-minuta 5.17.1. tas-seduta ta' qabel dwar is-suġġett t'hawn fuq. Il-laqgħa saret fl-24 ta' Novembru 2020, fejn id-diriġenti tal-grupp imsemmi wrew illi għandhom l-intenzjoni li jkomplu jaħdmu fil-qasam ambjentali u tal-konservazzjoni ta' beni storiċi fi ħdan is-soċjetà Din l-Art Ħelwa. Il-grupp huwa kompost minn tnax-il persuna. Għal-laqgħa virtwali li saret, għan-naħa tal-Kunsill segwew is-Sindku D. Vella, il-Kunsillieri A. Brincat Stellini, R. Bartolo Cutajar, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.4.3. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini qalet li fil-laqgħa ġiet diskussa l-possibiltà li jitħawwlu siġar fi tliet siti li jiġu biswit it-Telgħa ta' Selmun, illi kemm-il darba l-Kunsill jaqbel, għandha ssir talba lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex tkun tista' tittieħed din l-inizjattiva.

2.4.4. Il-Kunsill innota tagħrif mogħti.

## 2.5.1. *Proġett EkoSkola* (S/3/6)

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fid-9 ta' Diċembru 2020 saret laqgħa virtwali mad-diriġenti tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa u l-Kulleġġ Maria Regina dwar l-implimentazzjoni ta' proġett li jinvolvi tħawwil ta' pjanti ntiż sabiex jissebbaħ l-ambjent fil-bitħa tal-istess skola. Fil-laqgħa ġiet diskussa l-possibiltà li jkun hemm ko-finanzjament permezz ta' fondi Ewropej, tramite il-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral, flimkien ma' fondi tal-Iskola u mill-Kunsill Lokali. Għaldaqstant id-direzzjoni tal-iskola għanda tkompli l-kuntatti diġa mibdija mal-Fondazzjoni. Għan-naħa tal-Kunsill ipparteċipaw fil-laqgħa, is-Sindku D. Vella, il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, u l-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 3.1.1. Qtugħ ta' siġar fl-Aħrax (T/10/Vol II)

3.1.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għal korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti fl-10 ta' Novembru 2020 u staqsa dwar jekk itteħditx azzjoni dwarha.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li din kienet tinvolvi rapport dwar persuna li kien qed juża makkinarju sabiex ineħħi siġar u l-art tkun tista' tinħadem. Huwa qal li nġibdet l-attenzjoni tal-awtoritjiet kompetenti sabiex jinvestigaw.

3.1.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 3.2.1. Kompetizzjoni bil-muturi fuq ir-ramel gewwa l-Bajja tal-Ghadira
**(A/6/3/Vol 93)**

3.2.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-korrispondenza datata 18 ta' Novembru 2020 u staqsa x'azzjoni ttieħdet dwarha.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li din l-attività kienet ser tikkawża dannu ambjentali lir-ramla u għalhekk kien hemm oġġezzjoni għaliha u allura l-permess ma nħariġtx.

### *3.3.1. Speed hump* fi Triq Għajn Żejtuna **(T/3/2/Vol XVI)**

*3.3.2.* Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet f'seduta preċedenti dwar rappreżentazzjoni li kellha ssir ma' Transport Malta fuq is-suġġett imsemmi.

*3.3.3.* Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li sad-data tas-seduta ma kinitx ingħatat tweġiba minn Transport Malta.

### 3.4.1. Taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena **(P/5/2/Vol II)**

3.4.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk kienx hemm xi rispons mill-awtoritajiet kompetenti rigward il-ftuħ mill-ġdid tat-taraġ pubbliku msemmi.

3.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb fil-15 ta' Novembru 2020 huwa reġa' kiteb lill-Aġenzija tal-Bini u l-Kostruzzjoni dwar it-taraġ in kwistjoni, kif ukoll dwar tliet siti oħra fiż-żona ta' Santa Marija Estate. Sad-data tas-seduta ma kienx hemm xi rispons minn naħa tal-aġenzija.

3.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 17/12/20;
- Skeda ta' Pagamenti – 11/11/20 – 17/12/20;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2020;
- Abbozz tal-Estimi Finanzjarji – 2021;
- Minuti – Kumitat Reġjonali - 16/10/20;
- Minuti – Kumitat Reġjonali – 10/12/20;
- Minuti – Kumitat Reġjonali – 14/12/20; u
- Rapport – Konferenza dwar l-Istrateġija tar-Reġjun Tramuntana – 20/11/20.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Wirja ta' l-logħob tan-nar fl-Ewwel tas-Sena 2021 **(A/5/3/7)**

5.1.2. Sareterenza għal imejl datat 16 ta' Diċembru 2020, mibgħut mir-Reġjun Tramuntana, fejn tħabbret l-iskema imsemmi skont it-termini t'hawn taħt:

- Wirja li sseħħ ftit minuti qabel nofsillejl tal-1 ta 'Jannar 2021;
- Il-wirja tkun waħda żgħira li tista' tingħata minn fuq bejt;
- Il-baġit għal dan huwa ta' €500, li jista' jiżdied għal €800 f'każ li jingħata xi logħob tan-nar akbar. Il-Kunsill għandu jippreżentaw lista ta' logħob tan-nar li se jintgħata, liema lista tiġi eżaminata mir-Reġjun, qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim;

- In-nar irid ikun tal-kulur u mhux tal-bomba;

- Ir-Reġjun se jkopri l-ispejjeż tal-assigurazzjoni kif ukoll it-tim tat-tifi tan-nar, kemm-il darba jkun meħtieġ;

- L-applikazzjoni għall-permess tkun a kariġu tal-Kunsill;

5.1.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li huwa infurmat li l-Għaqda tan-Nar Maria Bambina - Mellieħa - fuq l-inizjattiva tagħha stess beħsiebha ttellgħa wirja ta' logħob tan-nar mis-sit li jħares lejn il-Wied ta' Ġnien Ingraw.

5.1.4. Il-Kunsill ikkonferma li għandu jieħu sehem f'din l-iskema, filwaqt li ssuġġerixxa l-inklużjoni tal-wirja sponsorjata mir-Reġjun mill-istess post imsemmi, madankollu bil-viżibilità dovuta tingħata għal dan il-kontribut.

**5.2.1. Spazji għall-ipparkjar fi Triq Anthony Sammut (T/3/2/Vol XVI)**

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 14 ta' Diċembru 2020, fejn il-Kunsillier I. Castillo ppropona f'isem xi residenti sabiex jerġgħu jinżebgħu żewġ spażji għall-ipparkjar li kienu tneħħew minn Triq Anthony Sammut kantuniera ma' Triq il-Fortizza.

5.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna li fis-Seduta Nru. 101 tal-1 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill kien rrifjuta talba minn żewġ sidien li jiġġaraxxjaw vetturi kbar fi Triq Anthony Sammut li kienu talbu sabiex ma jsirx ipparkjar fl-istess triq qrib il-kantuniera ma' Triq Ta' Masrija. Din id-deċiżjoni kienet ittieħdet abbażi tal-fatt li fil-kantuniera ma' Triq il-Fortizza diġa kien hemm dan l-arranġament. Is-Sur C. Debono qal ukoll li anke kienet tneħħiet *parking bay* waħda quddiem wieħed mill-garaxxijiet in kwistjoni, bil-kunsens ta' Transport Malta.

5.2.4. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti l-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinżamm l-arranġament eżistenti.

**5.3.1. Tixrid ta' tajn fi Triq l-Armier iż-Żgħir (D/2/1)**

5.3.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni dwar inkonvenjent u periklu li qed jikkawżaw sewwieqa ta' vetturi *four-wheel drive* li jipprattikaw dan l-isports fil-barriera tal-Armier. Dawn qed jimlew it-triq li għadha kif ġiet asfaltata u jirrenduha perikoluża.

5.3.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-*All Wheel Drive Club* huma responsabbli mill-barriera, u għalhekk għandhom jaraw li kull vettura illi toħroġ mis-sit għandu jkollha r-roti nodfa, bħalma jsir f'siti ta' kostruzzjoni.

5.3.4. Il-Kunsill qabel li dan l-abbuż għandu jinġieb għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

**5.4.1. Ħaddiema assenjati taħt il-*Community Work Scheme* (E/3/6/Vol II)**

5.4.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li d-diriġenti tal-iskema msemmija staqsew dwar jekk jixtieqx jaċċetta lura l-ħaddiem li kien talab huwa stess li jiġi trasferit. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara dan it-trasferiment, huwa talab lid-District Operations Ltd sabiex jirritorna mill-ġdid mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv, qal li wara t-trasferiment imsemmi, District Operations Ltd kienu bgħatu sostitut.

5.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din il-materja għandha tiġi trattata fuq il-livell amministrattiv abbażi tal-prestazzjoni passata tal-persuna in kwistjoni f'dak li huwa l-qadi ta' dmirijiet u attendenza.

**5.5.1. Żjara mill-*Mobile Dental Unit* (M/8/Vol VI)**

5.5.2. Is-Sindku għarraf li l-*unit* imsemmi ser ikun qed f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa fl-4 ta' Jannar 2021. Is-Sur D. Vella qal li ser tingħata l-pubbliċità meħtieġa bil-mezzi disponibbli.

5.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.6.1. Programm ta' attivitajiet kulturali 2021** **(A/5/5/Vol X)**

5.6.2. Is-Sindku ppropona li l-attivitajiet kulturali għas-sena 2021 jkunu kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| 24/06/2021 | Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ |
| 22/07/2021 | Jum il-Kunsill |
| 02/07/2021<br>09/07/2021<br>16/07/2021 | L-Arti fil-Misraħ |
| 23-25/07/2021 | Iljieli Melleħin |
| 16-19/12/2021 | Milied Mellieħi |
| 31/12/2021 | Lejliet l-Ewwel tas-Sena |

5.6.3. Il-Kunsill innuta u approva d-dati msemmija, kif ukoll li dawn għandhom jiġu notifikati lill-għaqdiet tal-lokalità.

**5.7.1. Estimi u Pjan ta' Ħidma tar-Reġjun Tramuntana** **(F/1/32)**

5.7.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li attwalment ir-Reġjun Tramuntana qed jiddiskuti l-estimi u l-pjan ta' ħidma. Għaldaqstant ser ikun qed jgħaddi d-dokumentazzjoni li ġiet imressqa sabiex il-membri eletti jkollhom l-opportunità jarawha u jikkummentaw dwarha.

5.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.8.1. Periklu fit-toroq** **(T/3/2/Vol XV**

5.8.2. Il-Kunsilliera R, Bartolo Cutajar aċċenna għall-periklu li jeżisti fil-parti ta' fuq tat-telgħa ta' Għajn Żnuber fi Triq il-Mellieħa, fejn hija ppproponiet li għandha ssir *crash barrier* bħal dik li hemm fuq nett.

5.8.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-istess sitwazzjoni teżisti fit-triq tal-Miżieb, fil-parti ta' fuq tagħha, bejn il-pont u Triq Lewis Wettinger.

5.8.4. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fiż-żewġ postijiet imsemmija, il-ħajt li żżomm it-triq huwa tas-sejjieħ u għalhekk mhux b'saħħtu biżżejjed biex jilqa' l-impatt mill-vetturi. Is-Sur C. Debono qal li fil-każ ta' Għajn Żnuber, fejn hemm teżisti *crash barrier*, aktar 'il fuq, il-ħajt tat-triq kien inbena mill-ġdid u ġie rinfurzat bil-konkos mill-pedament.

5.8.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandha ssir faxxa tal-konkos solida li tkun nofs metru għola mill-wiċċ tat-triq.

5.8.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet ukoll għal Triq il-Mitħna l-Ġdida kantuniera ma' Triq Sant' Anna fejn teżisti telgħa wieqfa bil-wiċċ tat-triq jiżloq. Hija ppproponiet li jsir scarifying tal-asfalt.

5.8.7. Il-Kunsill laqa' il-proposta skont il-minuta 5.8.6.

**5.9.1. Tabelli dwar il-ħmieġ tal-kliebfit-toroq** **(T/3/2/Vol XV)**

5.9.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar għarrfet li twaħħlu tabelli f'għaxar postijiet differenti dwar il-preżenza ta' flora u fauna fuq ix-xagħri, kif kien maqbul mill-Kunsill aktar qabel.

5.9.3. Hija pproponiet li t-tabelli tal-klieb li qed jitwaħħlu attwalment u jsiru simili għal abbożż li hija wriet waqt is-seduta.

5.9.4. Il-Viċi-Sindku J. Buttigieg ikkummenta li t-tabelli għandhom ikunu bħal dawk li normalment jintużaw għat-traffiku.

5.9.5. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi verifikat x'tip ta' tabelli jintużaw f'pajjiżi oħra.

## 5.10.1. Skema dwar manutenzjoni ta' kompjuters għar-residenti (P/4/6/Vol VI)

5.10.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat li numru ta' kunsilli lokali u entitajiet governattivi daħlu fi skema li permezz tagħha residenti jew dipendenti tagħhom jibbenefikaw minn servizz mingħajr ħlas meta jkun jeħtiġilhom jagħmlu manutenzjoni fuq il-kompjuters personali tagħhom. Dan jingħata bi spiża annwali għal minn jisponsorja l-iskema. Il-benefiċċji li normalment jingħataw, jinkludu:

- Manutenzjoni Ġenerali;
- Tindif tal-*hardware*;
- Ifformattjar mill-ġdid ta' *hard drives*;
- Tneħħija ta' *viruses*; u
- Installazzjoni ta' *software* kontra l-*viruses*.

5.10.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li s-servizz jeħtieġ li jingħata wara li jintalbu stimi minn entitajiet kummerċjali oħra li joperaw f'dan il-qasam.

5.10.4. B'żieda mal-minuta 5.10.3, aktar 'il fuq, il-Kunsillier I. Castillo qal li jkun jagħmel sens li l-istimi jintalbu wkoll mingħand entitajiet ibbażati fil-lokalità.

5.10.5. Il-Kunsill qabel li għandha ssir sejħa għall-istimi kif indikat fil-minuti 5.10.3. u 5.10.4, qabel tittieħed deċiżjoni finali.

## 5.11.1. Ipparkjar fi Triq il-Modd (T/3/2/Vol XVI)

5.11.2. Il-Kunsillier I. Castillo għarraf li saritlu proposta sabiex jitkomplew il-linji sofor doppji fit-triq imsemmija, bejn Triq il-Qigħan u Triq Qasam Barrani. Dan minħabba li meta jkun hemm sessjonijiet tat-taħriġ, jew logħob fil-ground ikun hemm konġestjoni tat-traffiku.

5.11.3. Il-Viċi-Sindku J. Buttigieg ikkummenta li kemm-il darba tiġi mplimentata l-proposta skont il-minuta preċedenti, l-ipparkjar jibda jsir fuq in-naħa l-oħra tat-triq. B'hekk tirriżulta sitwazzjoni perikoluża minħabba li t-tfal ikollhom jaqsmu t-triq biex imorru fil-ground. Huwa qal li s-sitwazzjoni deskritta fil-minuta preċedenti hija rejali, iżda rriżultat mill-arranġamenti temporanji marbuta mal-Covid-19, peress li qed jintuża l-bieb tal-ground li hemm fi Triq il-Modd.

5.11.4. Il-Kunsill iddeċieda li l-arranġament eżistent għandu jibqa' fis-seħħ.

## 5.12.1. Video b'messaġġ għall-Milied (M/6/Vol V)

5.12.2. Il-Kunsillier I. Castillo qal li ġie ppreparat video b'messaġġ għall-Milied u talab li dan jiġi mtella' fil-medja soċjali tal-Kunsill. Huwa qal li t-tul tiegħu huwa biss ta' disgħa sekondi u jista' jitniżżel permezz ta' link partikulari.

5.12.3. Wara li l-Kunsill ra l-video, approva l-proposta.

## 5.13.1. Tismija ta' toroq fi Triq il-Mejjiesa (T/4/1/Vol III)

5.13.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għat-tliet toroq ġodda li hemm fi Triq il-Mejjiesa, minn Trejqet il-Ħarrub 'l ġewwa. Huwa ppropona li dawn jingħataw isem.

5.13.3. Fid-dawl tal-fatt li dawn it-toroq huma privati, il-Kunsill ma qabilx li t-toroq indikati għandhom jingħataw isem uffiċjali. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li dawn mhumiex skemati skont l-informazzjoni miksuba onlajn mis-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Ippjanar.

### 5.14.1. Latrina pubblika taħt Ġnien il-Pellegrini (P/4/7/Vol II)

5.14.2. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li ssir latrina pubblika ġdida taħt il-ġnien imsemmi, abbażi tal-fatt li fil-Pjan Lokali, dan il-post huwa ndikata bħala *secondary town centre.*

5.14.3. Il-Kunsillier E. Bartolo tenna li tista' issir latrina prifabbrikata u titpoġġa fuq il-bankina li hemm bejn Triq l-Għoljiet u Triq il-Kbira.

5.14.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li l-post huwa skedat mill-Awtorità tal-Ippjanar minħabba s-Salib tal-Pellegrini. Qal illi huwa jemmen li jekk issir latrina taħt il-monument ikun qed iwaqqa' l-preġju tiegħu, apparti li jista' ikun hemm problemi minn naħa tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali. Bħala alternattiva, is-Sur J. Buttigieg ippropona li tali faċilità hija aktar addattata għal Ġnien tas-Salib.

5.14.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li hija taqbel mal-opinjoni espressa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg skont il-minuta 5.14.4.

5.14.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandhom jiġu studjati l-għażliet kollha possibbli sabiex issir latrina pubblika fi Triq il-Kbira, bejn il-Ġnien tal-Pellegrini u l-Ġnien tas-Salib.

### 5.15.1. Installar ta' sistemi CCTV fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, u fil-Park tal-Familja (T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV) (K/6/10/Vol III)(P/4/6/Vol VI)

5.15.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fit-22 ta' Diċembru 2020 saret laqgħa fuq il-postijiet kollha msemmija, flimkien mal-inġinier konsulent fuq dan il-proġett. Għall-istess laqgħa attendew is-Sindku D. Vella, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Kien hemm qbil li fir-rigward ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, għandhom jsiru *cameras* doppji bi dritt Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq l-Isqof Pace, Triq il-Madonna ta' Fatima, Triq it-Tonn, Triq Sant' Elena, u Triq Sant' Anna.

5.15.3. Is-Sur C. Debono għarraf li kellu jiġi deċiż liema huwa l-aħjar mod li tingħata provvista tal-elettriku lit-tagħmir meħtieġ, kif deskritt fil-minuta preċedenti. Huwa magħruf ukoll li l-Enemalta tħalli l-użu tal-*brackets* tagħhom mal-ħitan, sakemm l-vultaġġ ikun baxx. Huwa previst ukoll li jkunu meħtieġa żewġ arloġġi tal-elettriku, peress fil-parti bejn Triq Sant' Anna u Triq Sant' Elena mhemmx *overhead cables* tal-Enemalta.

5.15.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.16.1. Kompetizzjoni tas-*snooker* organizzata mill-Kunsill (S/4/2/Vol III)

5.16.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li fid-dawl tal-fatt li l-każini huma magħluqin minħabba l-pandemija Covid-19, il-league tas-*snooker* 2020/2021 mhux ser isir.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif li ngħata.

### 5.17.1. Attività sportiva fl-inħawi Tad-Daħar (A/6/3/2/Vol 92)

5.17.2. Il-Kunsilliera K. Buttigieg aċċenna għal talba li saret mill-iStag Airsoft Club sabiex jippartikaw sport li jixbaħ ħafna lill-baseball, li għalih jeħtieġu medda ta' art mdaqqsa, li trid tingħalaq għall-pubbliku. Għal dan il-għan ġiet indikata art fl-inħawi Tad-Daħar li tinsab fuq ir-riħ ta' l-Irdum il-Qawwi. Dan l-ispazju jkun meħtieġ kull nhar ta' Sibt fuq bażi regolari.

5.17.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-pubbliku m'għandux jiċċaħħad regolarment minn post li joffri daqshekk veduti uniċi. Ittieħed in konsiderazzjoni li l-art in kwistjoni kienet ġiet allokata lill-

Ministeru responsabbli mill-Ambjent u Tibdil fil-Klima. Abbażi ta' dan, it-talba ma' ġietx milqugħa.

**5.18.1. Dħul ta' vetturi fi Triq l-Imġiebaħ** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li s-sewwieqa li jinżlu fi Triq l-Imġiebaħ jiġu nfurmati, li mit-triq li tagħti għall-Qortin / Palazz ta' Selmun 'l isfel mhemmx spazzju għall-ipparkjar.

5.18.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u talab li ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta għall-konsiderazzjoni tagħhom.

**5.19.1. Tqassim ta' helu lill-Anzjani** **(A/5/3/Vol VIII)**

5.19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fil-21 ta' Diċembru 2020 tqassam xi ħelu lill-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Hija fakkret li minħabba l-pandemija, din id-darba ma kienx possibbli li ssir attività għalihom bħal snin oħra.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.20.1. Pubblikazzjoni *"Fik Ittamaw Missirijietna Ittamaw u Inti Ħlisthom"* (P/3/2/Vol V)**

5.20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-pubblikazzjoni msemmija li ġiet imnedija fit-18 ta' Diċembru 2020 fil-Bitħa tas-Santwarju. Hija nfurmat, li kienu preżenti għal din l-okkażjoni, flimkien magħha, is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier I. Castillo, l-Arċipriet ir-Rev. J. Caruana, is-Sur J. Debono President Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, u l-awtur D. Muscat. Il-Kunsillieri R. Bartolo Cutajar u K. Buttigieg għarrfu li ma setgħux jattendu minħabba npenn ieħor.

5.20.3. Is-Sinjura Brincat Stellini qalet li kien hemm talba mill-awtur sabiex jingħata mingħajr ħlas tletin kopja tal-ktieb. Hija appellat ukoll sabiex tingħata kopja lill-membri eletti kollha u l-impjegati tal-Kunsill.

5.20.4. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.20.3. aktar 'il fuq, kif ukoll li l-ktieb għandu jinbiegħ €5.

**5.21.1. Pubblikazzjoni tal-magazin "Mill-Qiegħa"** **(P/3/2/Vol V)**

5.21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet lill-Kunsill li naqsu xi kontributuri għall-magazin tal-Kunsill "Mill-Qiegħa għat-Tfal", u għalhekk appellat lill-kunsillieri sabiex jindikaw persuni li jkunu jistgħu jagħtu l-kontribut bil-kitbiet tagħhom.

5.21.3. -Kunsill ħa nota.

**6.1. Ftehim dwar assistenza mid-Diviżjoni tal-Indafa u Manutenzjoni (K/6/6)**

6.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fis-16 ta' Diċembru 2020 saret laqgħa mad-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Indafa u Manutenzjoni dwar koperazzjoni li jista' ikun hemm mal-Kunsill li tinvolvi:

- Ħasil tat-toroq bi frekwenza ta' darba fix-xahar b'ħasla addizzjonali fix-xahar ta' Settembru fl-inħawi ta' madwar il-knisja;
- Jingħataw għaxar (10) *litter bins* fl-2021;
- Tiswija u manutenzjoni ħafifa li ma tinkludix implimentazzjoni ta' proġetti infrastrutturali;
- Manutenzjoni ta' funtani; u
- Tneħħija ta' skart mormi abbużivament permezz b'inġenji kbar.

6.2. Il-Kunsill laqa' din l-offerta u awtorizza l-iffirmar tal-ftehim.

## 7.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2020 (F/1/1/Vol IV)

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Settembru 2020 kien jammonta għal €996,386, filwaqt li kien hemm nefqa ta' €873,132, u hekk irriżulta bilanċ pożittiv ta' €123,255.

7.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti *(Current Asset)* żdied tul id-disa' xhur koperti b'dan ir-rapport u kien jammonta għall-€1,577,164 - żieda ta' €285,878 fuq ta' Ġunju 2020 - li €1,114,487 minnhom kienu flus miżmuma f'kontijiet bankarji, €138,154 kien l-ammont li l-Kunsill kellu jdaħħal, filwaqt li €19,872 huma l-valur tal-istokk ta' kotba.

7.4. Ġie spjegat li l-Obbligazzjonijiet Kurrenti *(Current Liabilities)* telgħu fil-livell ta' €971,292 (Ġunju 2020 - €761,059). Dawn jikkonsistu minn kontijiet pendenti *(Payables)* li jidhru fuq il-kotba, kif ukoll stima ta' spejjeż *(accruals)* marbuta ma' servizzi jew materjal mixtrija li kienu għadhom ma jidhrux fuq il-kotba. Kien hemm ukoll Dħul Differit ta' € 877,322 li rriżulta minn dħul bil-quddiem (Settembru 2020) tal-allokazzjoni finanzjarja għar-raba' kwart mill-Gvern Ċentrali. Kien hemm ukoll dħul ta' fondi Ewropej b'rabta ma' proġetti ffinanzjati taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Fattur ieħor li kkontribbwixxa għad-Dħul Differit kienu il-pagamenti pendenti li għad irid jitħallsu lill-kuntrattur b'rabta mar-rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin. Kien spjegat li Dħul Differit jirrappreżenta għotjiet jew riċevuti mill-Kunsill, jew impenjati fir-rigward ta' proġetti mwettqa, madankollu għadhom ma ġewx solvuti għal kollox.

7.5. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija, jirriżulta Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja (ISF) ta' 32% - żieda ta' 6% fuq il-perċentwali reġistrat fil-kwart preċedenti.

7.6. F'dak li jirrigwarda l-Impjant u Tagħmir *(Plant and Equipment),* bejn Jannar u Settembru, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €380,234 f'Assi Permanenti *(Fixed Assets),* filwaqt li ma nqatgħu ebda assi *(Disposals).*

7.7. Il-valur oriġinali tal-Assi Permanenti *(Fixed Assets)* kollha akkwistati sal-aħħar ta' Settembru 2020 kien ta' €9,608,135, li meta wieħed jikkalkula d-deprezzament fuqhom sa tmiem l-istess xahar, il-valur nett tagħhom fil-Kotba *(Net Book Value)* kien ta' €2,711,650.

7.8. Il-Kunsill dehrlu li m'hemmx ħtieġa li jsiru ebda *virements*, filwaqt li talab illi r-rendikont sħiħ jiġi ppubblikat permezz tas-sitt elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

## 8.1. Estimi Finanzjarji 2021 (F/1/32)

8.2. Is-Segretarju ressaq rendikont dwar id-dħul u l-infieq previst għas-sena finanzjarja 2020. Ressaq ukoll abbozz ta' dħul previst għall-2021, kontra l-estimi li jinkludu l-proġetti u inizjattivi maqbula mill-Kunsill fis-seduti preċedenti, partikularment f'dawk li huma proġetti kapitali u attivitajiet kulturali.

8.3. Is-Sur C. Debono spjega li l-pandemija affettwat mhux bi ftit l-infieq li kien hemm, partikularment bejn Marzu u Diċembru 2020, u għalhekk ma jkunx għaqli li l-estimi 2021 jiġu bbażati fuq in-nefa attwali tal-2019.

8.4. Huwa kompla jgħid li l-abbozz imressaq sar *on a cash basis* u għalhekk issa jeħtieġ li jiġu mgħoddija lill-*accountant* sabiex jitħejjew abbażi ta' *accruals.* B'hekk jittieħdu in konsiderazzjoni fatturi oħra bħalma huwa d-deprezzament fuq l-assi permanenti, il-valur tal-i*stocks*, *short* u *long term liabilities*, eċċ.

8.5. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna li l-baġit fejn jidħlu attivitajiet kulturali jkun wieħed sinifikanti u jirrappreżenta madwar 8% tal-allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali.

8.6. Wara li ra l-abbozz imressaq, il-Kunsill qabel li n-nefqa fuq attivitajiet kulturali bi sħab mal-għaqdiet mużikali għandha tiġi rduppjata, peress li ma saret ebda attività matul l-2020.

8.7. Kien hemm qbil ukoll li l-ammont allokat għall-attivitajiet li jsiru ta' darba għandu jiżdied għal €5,000, u hekk ikun jista' jagħmel tajjeb għall-attività ffinanzjata taħt l-iskema *Young Achievers*, li kellha tiġi posposta għall-2021.

8.8. L-abbożż tan-nefqa kulturali kif approvat kien kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Programm ta' koperazzjoni mal-għaqdiet mużikali | 14,400 |
| Attivitajiet ta' darba | 5,000 |
| Tiżjin ta' toroq fil-Milied u l-Ewwel tas-Sena | 11,000 |
| Attivitajiet tal-Milied għat-tfal u l-Anzjani | 1,500 |
| Milied Mellieħi | 15,000 |
| Attività tal-Ewwel tas-Sena | 10,000 |
| Attività tal-Epifanija | 900 |
| Attività fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm | 1,000 |
| Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ | 5,500 |
| Arti fil-Misraħ | 2,000 |
| Jum il-Kunsill | 5,400 |
| Iljieli Melleħin | 33,000 |
| Attività fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal | 1,500 |
| Animal Fest | 2,000 |
| **Total** | **€108,200** |

8.9. Il-Kunsill approva l-bqija tan-nefqa rikorrenti u kkonferma dik kapitali kif miftiehma fis-seduta preċedenti. Għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv intalab jħejji l-Estimi bbażat fuq l-*accruals*, skont il-proċeduri stabbiliti.

**9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 17 ta' Diċembru 2020.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-7 ta' Novembru u s-17 ta' Diċembru 2020.

9.5. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri eletti preżenti, is-seduta spiċċat fid-9:40 pm u l-Kunsill aġġorna għal nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar 2021 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**